# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 27/K9/21

Data tal-laqgħa: 12 ta' Jannar 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (0)**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku (Inc. 17624/21);
Rita Dimech Portelli – Kunsillier (Inc. 17593/21);
Martin John Sultana – Kunsillier (Inc. 17623/21);

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

27.1.01 Is-Sindku Albert Buttigieg, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-Kunsillier Martin John Sultana talbu li jkunu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

27.1.02 Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku Clayton Luke Mula.

**27.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.01 Is-Segretarju ressaq Minuti 26/K9/2020 għall-approvazzjoni.

27.2.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li ssir korrezzjoni f'26.4.04.01 fejn jiġi mniżżel li mhux tlett proġetti ser isiru iżda tnejn.

27.2.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 25/K9/2020.

27.2.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni ta' Minuti 25/K9/2020.

27.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

27.2.06 Il-Kunsillier Guido Dalli għamel referenza għall-26.2.11, dwar Triq Sant' Elija, huwa ġie nfurmat li lill-kuntrattur kellimnieh pero lill-Perit għadna ma kellimniehx.

27.2.07 Il-Kunsillier Guido Dalli għamel referenza għall-26.4.01 dwar il-kamera li hemm fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu'. Is-Segretarju nfurmaħ li s'issa għad m'għandniex risposta.

27.2.08 Il-Kunsillier Guido Dalli għamel referenza għall-26.4.03, huwa qajjem il-punt dwar il-monument ta' Ġużi Tanti, huwa ssuġerixxa li għandna nkelmu lill-kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħolijiet bil-kelma it-tajba sabiex ikompli x-xogħolijiet iżda jekk dan jibqa' ma' jagħmilx ix-xogħolijiet jkollna nibagħatulu bl-Avukat.

27.2.09 Il-Kunsillier Guido Dalli għamel referenza għall-26.6.02, Is-Segretarju nfurmah li dawn ser jibdew isiru.

**27.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

27.3.01 Ma kienx hemm kommunikazzjoni miċ-Ċermen.

**27.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

27.4.01 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar l-istoppers li saru ħdejn il-Paroċċa ta' San Ġiljan, minħabba li qed joħolqu ostaklu. Huwa talab li dawn jitneħħew.

27.4.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar it-tappiera ta' Triq Birkirkara, huwa ġie nfurmat li dan sar, iżda ftit wara reġgħet infetħet min-naħa tal-Water Service, s-Segretarju reġa kellem lill-kuntrattur sabiex jerġa jsir r-rubber madwarha.

27.4.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa x'sar dwar Triq Hans Stumme, Triq Diodorus Siculus u Triq l-Arċisqof Romero. Huwa ġie nfurmat li l-kwotazzjonijiet inġabu u fir-rigward waħda mit-toroq għadna qed nistennew min-naħa tal-Perit.

27.4.04 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar l-ATM ta' Ta' Giorni, huwa ġie nfurmat mis-Segretarju li daħalna d-DNO lill-Planning Authority u għadna qed nistennew risposta min-naħa tagħhom.

27.4.05 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa dwar il-bankina li hemm ħdejn il-banka tal-Lottu fi Triq Ċensu Tabone minħabba li qeda fi stat ħażin. Huwa talab li din tiġi rranġata.

27.4.06 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa dwar il-flus li kellna niġbru dwar it-toroq li għamilna bil-fondi tad-Development Planning Funds,huwa staqsa jekk dawn il-flus inġabrux kollha. Is-Segretarju nfurmah li hemm xi affarijiet li għad iridu niġbruhom.

27.4.07 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar l-unloading bay quddiem il-Brown's pharmacy jekk kienx hemm xi lmenti. Hija ġiet infurmata li s'issa ma rċivejna xejn min-naħa tagħhom.

27.4.08 Il-Kunsillier Sean Gauci staqsa jekk jistax isir doggy bin fi Triq il-Baħar l-Iswed. Huwa ġie nfurmat mis-Segretarju li dan ħadd ma riedu wara l-bieb tiegħu għaldaqstant ma setax jeħel imkien.

**27.5 Proposti għall-Ġonna Ġodda f' Ta' Ġiorni**

27.5.01 Saret diskussjoni preliminari u ġie deċiż li din tiġi diskussa l-laqgħa li jmiss.

**27.6 Skema għall-Immaniġjar ta' skart;**

27.6.01 Is-Segretarju spjega li hu għamel l-punti tiegħu u bagħtom lis-Sindku u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul iżda dawn ma ġewx milqugħa.

27.6.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul għamel il-proposti tiegħu u saret diskussjoni u kien hemm qbil li napplikaw.

**27.8 Għoti tat-tender tal-Knis;**

27.8.01 Is-Segretarju spjega dwar li ltaqa l-evaluation board, huwa nforma lill-Kunsill li l-aktar offerta vantaġġuża hija ta' Galea Cleaning Solutions mill-evalwazzjoni li qeda ssir. Il-Kumitat ippropona biex jiġi approvat l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions.

**27.7 Talbiet żgħar;**

**27.7.01 Korrispondenza dwar SPI.SCI.8.2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-sena 2022. (Inc. 17144/20, 17219/20);**

27.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jieħu ħsieba l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula.

**27.7.02 Email SPI.SCI.9.2020 Insaħħu il-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali (Inc. 17243/20);**

27.7.02.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**27.7.03 Ritratti dwar Triq Dun Ġużepp Xerri u Triq Furtu Selvatico**

27.7.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-vetturi ma' jibqux joħorġu minn Triq Furto Selvatico għal Region Road minħabba li hemm periklu li jsir incident.

**27.7.04 Kwotazzjoni dwar Armar ta' dawl għal waqt San Valentinu (Inc. 17516/21);**

27.7.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir.

**27.7.05** Is-Segretarju ressaq l-*performance bonus* tal-ħaddiema inkluż tiegħu. Il-Kunsill qabel li l-ħaddiema jingħataw 6% tal-performance bonus inkluż is-Sur Stefan Deguara li huwa ħaddiem bi skema. Fir-rigward il-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv ġie deċiż li jingħata 10% tal-*performance bonus.* Is-Segretarju f'isem l-istaff irringrazzja lill-Kunsill.

**27.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

27.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5282 sa 5301. (Ara Appendiċi 'A').

27.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**27.9 Skeda tal-Pagamenti**

27.9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

27.9.02 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

27.9.03 Il-Kunsillier John Agius ssekonda fl-approvazzjoni.

**27.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

27.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2021 fis-5.00p.m.

27.10.03 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45p.m.

**IFFIRMATI,**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 15 ta' Frar 2021